

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 27.9.2010
KUMM(2010) 509 finali

2010/0262 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi régim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju

MT

MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Is-sistema tal-UE tal-Kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju kif stabbilita fir-Regolament 428/2009¹, tirrikjedi l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni tal-oġġetti b'użu doppju² elenkti fl-Anness tar-Regolament.

Id-deċiżjonijiet biex tīgi kkontrollata l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju jittieħdu b'kunsens fis-sistemi internazzjonali ta' kontroll tal-esportazzjonijiet (il-Grupp Awstralja (AG) għal oġġetti bijoloġiċi u kimiċi; Il-Grupp ta' Fornituri Nukleari (NSG) għal oġġetti nukleari ċivili, ir-Reġim ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (MTCR) u l-Ftehim ta' Wassenaar (WA) għall-armi konvenzjonali u l-oġġetti u t-teknoloġiji b'użu doppju). Dawn id-deċiżjonijiet jittieħdu biex jillimitaw ir-riskju li jintużaw oġġetti b'użu doppju sensittivi għal finiġiet militari u/jew fi programmi ta' proliferazzjoni. Sabiex dawn il-kontrolli jkunu kemm jista' jkun effettivi, ir-reġimi internazzjonali għall-kontroll tal-esportazzjonijiet ilaqqgħu flimkien il-fornituri ewlenin tal-oġġetti b'użu doppju. Billi jaqblu li jikkontrollaw il-kummerċ f'oġġetti speċifiċi, dawn il-fornituri jaħdnu flimkien b'mod effettiv biex jillimitaw ir-riskju ta' proliferazzjoni, filwaqt li jiżguraw li l-kummerċ leġġitimu ma jiġix imxekkel.

Il-progress teknoloġiku fid-dinja tal-lum ifisser li hemm ħtieġa li l-lista ta' oġġetti kontrollati tkun aġġornata regolarment. L-Artikolu 15 tar-Regolament 428/2009 jspecifica li "Il-listi ta' oġġetti b'użu doppju mniżżla fl-Anness I għandhom ikunu aġġornati f'konformità mal-obbligi u l-impenji rilevanti, u kwalunkwe modifika tagħhom, li l-Istati Membri aċċettaw bħala membri tar-reġimi internazzjonali rilevanti ta' nonproliferazzjoni u l-arranġamenti rilevanti għall-kontroll tal-esportazzjoni, jew bir-ratifika tat-trattati internazzjonali rilevanti".

L-aħħar aġġornament tal-Anness I tar-Regolament sar fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-Regolament 428/2009 fil-5 ta' Mejju 2009. Sa minn dan iż-żmien, ir-reġimi internazzjonali kollha għall-kontroll tal-esportazzjonijiet ħadu deċiżjonijiet biex jimmodifikaw u jaġġornaw il-listi ta' kontroll tagħhom. Għaldaqstant, jinhieg li jsiru l-modifikazzjonijiet neċċessarji fl-Anness I. Dawn il-modifikazzjonijiet se jiżguraw li l-impenji meħuda mill-Istati Membri tal-UE fir-reġimi, jiġu applikati b'mod sħiħ madwar l-UE kollha u li l-esportaturi tal-UE jkollhom iċ-ċertezza legali rigward liema oġġetti jirrikjedu liċenzji tal-esportazzjoni.

Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet, hawn taħt hawn sommarju dettaljet tal-bidliet meħtieġa. Għall-fini ta' ċarezza u faċilità tal-użu tal-Anness I, il-Kummissjoni qed tiproponi li tissostitwixxi l-Anness I kollu b'test ġdid li jinkorpora t-tibdil deskrirt hawn taħt.

Modifikazzjonijiet tad-definizzjonijiet u n-nota ġenerali

Definizzjoni u Nota Ġenerali	Reġim	Natura tal-bidla

¹ IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju

² Oġġetti b'użu doppju huma definiti fir-Regolament 428/2009 bħala "oġġetti, inklużi s-softwer u t-teknoloġija, li jistgħu jintużaw kemm għal skopijiet ċivili u dawk militari, u għandhom jinkludu l-merkanzija kollha li tista' tintuża kemm għal użu mhux splussiv kemm għal assistenza fi kwalunkwe mod fil-manifattura ta' armi nukleari jew mezzi splussivi nukleari oħrajn".

Nota Ġeneral 4.	AG	Nota miżjuda għan-numru CAS
Kumpensi kollha disponibbli	WA	Definizzjoni emedata
CE	WA	Definizzjoni mħassra
Inġenji tal-ajru ċivili	WA	Emenda tar-Referenza għall-Kategorija
Element kompjutazzjonali	WA	Definizzjoni mħassra
Temperatura kritika	WA	Emenda tar-Referenza għall-Kategorija
Rata ta' trasferiment diġitali	WA	Emenda tar-Referenza għall-Kategorija
Għażla tar-rotta adattiva dinamika	WA	Definizzjoni mħassra
Materjali enerġetiċi	WA	Definizzjoni ġdida
Sistemi FADEC	WA	Definizzjoni ġdida
FADEC	WA	Definizzjoni mħassra
Materjali fibrużi jew bil-filamenti	WA	Emenda tar-Referenza għall-Kategorija
Matriċi fuq il-pjan fokali	WA	Emenda tar-Referenza għall-Kategorija
Kontroll diġitali tal-mutur b'awtorità sħiħa	WA	Definizzjoni mħassra
Ċellula tal-fjuwil	WA	Definizzjoni ġdida
Komputer ibridu	WA	Definizzjoni mħassra
Sensuri tar-radar interkonnessi	WA	Definizzjoni mħassra
Laser	WA	Nota Bene emedata
Durata tal-laser	WA	Emenda tar-Referenza għall-Kategorija
Karta intelliġenti personalizzata	WA	Definizzjoni mħassra
Faċilitajiet tal-produzzjoni	MTCR	Definizzjoni emedata
Laser Q-switched	WA	Definizzjoni mħassra
Proċessar f'ħin reali	WA	Emenda tar-Referenza għall-Kategorija
Kodiċi tas-sors	WA	Emenda tar-Referenza għall-Kategorija
Kwalifikat għall-użu spazjali	WA	Emenda tar-Referenza għall-Kategorija

Superkonduttiv	WA	Emenda tar-Referenza għall-Kategorija
----------------	----	---------------------------------------

Modifikazzjonijiet tal-oġġetti fil-kategoriji 1-9

Kategorija 1		
1A001.b.	WA	Emenda tas-subentrata għall-komponenti dwar komposti fluworuati
1A002 <i>Nota 1</i>	WA	Emenda tan-Nota 1 tal-entrata ta' kontroll dwar strutturi kompożiti
1A007	Edizzjoni	Emenda tal-entrata ta' kontroll biex jiġu definiti materjali enerġetiċi
1B001, a., b. & <i>Nota Teknika</i>	WA	Emenda tal-entrata u tas-subentrati ta' kontroll dwar it-tagħmir għall-produzzjoni ta' materjali kompożiti; Nota Teknika ġidha miżjud
1B001.g.	WA	Subentrata ġidha miżjud għall-magni għat-tqegħid ta' kejbils tal-fibra
1C002.b.	WA	Emenda tas-subentrata għal-liegi tal-metall magħmula mit-trab jew materjal partikulat
1C006.c.1.	WA	Numru CAS miżjud fis-subentrata dwar id-dibromotetrafluworoetan
1C007.f.1.	WA	Numru CAS miżjud fis-subentrata dwar l-ossidu tal-aluminju
1C008.b.1.a.	WA	Numru CAS miżjud fis-subentrata dwar ċerti kopolimeri kristalli likwidji termoplastiċi
1C008.b.2.a., b. & c.	WA	Numru CAS miżjud fis-subentrata dwar ċerti kopolimeri kristalli likwidji termoplastiċi
1C010, a. & c.	WA	Emenda tal-entrata u tas-subentrati ta' kontroll dwar materjal fibruż u filamentari.
1C010.b. & <i>Nota</i>	WA	Emenda tas-subentrata u l-parametri għal materjal filamentari u tal-fibri tal-karbonju; Nota emendata u żviluppata
1C010.e., <i>Nota 1 & 2, & Nota Teknika</i>	WA	Riformulazzjoni tas-subentrata dwar il-preimpregnati inklużi Noti ġodda u Nota Teknika
1C011.c.	WA	Numru CAS miżjud fis-subentrata dwar in-nitrat tal-gwanidin
1C111.a.4.k.	MTCR	Numru CAS miżjud fis-subentrata dwar id-diidrażina tal-aċidu diimmido-ossaliku
1C111.a.4.n.	MTCR	Numru CAS miżjud fis-subentrata dwar id-diperklorat tal-idrażinju

1C111.a.5, 5.a., 5.b., <i>Nota & Nota Teknika</i>	MTCR	Subentrata ġdida dwar materjal b'densità ta' enerġija għolja inkluża n-Nota u n-Nota Teknika
1C111.c.6.h.	MTCR	Numru CAS miżjud fis-subentrata dwar id-dietil ferroċen
1C111.c.6.o. <i>Nota</i>	MTCR	Nota ġdida ta' dekontroll għal ċerti derivattivi tal-ferroċen
1C117, a., b., c. & <i>Nota Teknika</i>	MTCR	Riformulazzjoni tal-entrata ta' kontroll dwar materjal tat-tungstenu u l-molibdenu Nota Teknika ġdida miżjudha
1C226	MTCR	Emenda tal-entrata ta' kontroll minħabba l-emenda fl-entrata 1C117
1C351	AG	Subentrata dwar il-virus tal-ġidri abjad imħassra
1E002.c.1.c.1.	WA	Numru CAS miżjud fis-subentrata dwar iż-żirkonja

Kategorija 2		
2B006.a. & <i>Nota Teknika</i>	WA	Emenda tas-subentrata dwar Magni tal-Kejl tal-Koordinat u nota Teknika ġdida miżjudha
2B206.a. & <i>Nota Teknika</i>	NSG	Emenda tas-subentrata dwar Magni tal-Kejl tal-Koordinat; Nota Teknika 1 imħassra; Nota Teknika 2 tingħata isem mill-ġdid
2B350.a., b., c., d., e., f., h., i., j. & <i>Nota Teknika 2</i>	AG	Definizzjoni lokali ta' liegi miżjudha mas-subentrati dwar tagħmir ta' manifattura tal-kimiċi reżistenti għall-korrużjoni u Nota Teknika ġdida miżjudha dwar il-liegi.
2B350.g.8. & <i>Nota Teknika</i>	AG & Edizzjoni	Nota teknika miżjudha dwar id-daqs nominali ta' valv u tibdin editorjali żgħir fis-subentrata
2B351	AG 2008	Emenda tal-entrata ta' kontroll dwar sistemi ta' monitoraġġ ta' gass tossiku.
2E003.f. <i>Nota N.B.</i>	Edizzjoni	Żieda ta' N.B. nieqsa dwar it-Tabella Metodi ta' Depożizzjoni.

Kategorija 3		
3A001.b.8.b.	WA	Subentrata emendata.
3A001.b.11. & <i>N.B.</i>	WA	Subentrata ġdida għal assemblaġġi ta' sintetizzaturi tal-frekwenza; Nota Bene ġdida.
3A002.b.	WA	Subentrata mħassra u kontroll imressaq għal 3A001.b.11.

3A002.e., 1., & 2.	WA	Emenda tas-subentrata dwar l-analizzaturi tan-netwerks biex tinkleudi 2 subparagrafi ġodda.
3A228.c.	Edizzjoni	Emenda tas-subentrata dwar apparat tal-iswiċċjar biex tevita kopertura doppja.
3B001.c.1. & 2.	WA	Emenda tas-subentrata dwar tagħmir ta' inċiżjoni fix-xott anisotropiku bil-plażma biex tinkleudi 2 subparagrafi ġodda.
3B001.e., <i>Nota & Nota Teknika</i>	WA	Subentrata dwar sistema li timmanipula fetet b'karika awtomatika u n-Nota relata emendati u Nota Teknika ġidida miżjudha.

Kategorija 4		
4A001.b.	WA	Subentrata mħassra dwar kompjuters b'funzjonijiet tas-sigurtà tal-informazzjoni Il-kontrolli issa jinsabu fil-Kategorija 5 Parti 2.
4A003.b.	WA	Emenda tal-parametru APP għas-subentrata dwar kompjuters diġitali
4A003.g.	WA	Emenda tas-subentrata dwar tagħmir li jippermetti l-aggregazzjoni tar-rendiment tal-kompjuters diġitali.
4D Nota	WA	Nota emendata
4D001.b.1.	WA	Emenda tal-parametru fis-subentrata dwar is-softwer għal kompjuters diġitali.
4D003	WA	Subentrata tal-kontroll imħassra. Il-kontrolli issa jinsabu fil-Kategorija 5 Parti 2.
4E001.b.1.	WA	Emenda tal-parametru fis-subentrata dwar it-teknoloġija għal kompjuters diġitali.

Kategorija 5 Parti 1			
Kategorija 5 <i>Nota 1 N.B.</i>	Parti 1	WA	Nota Bene ġidida miżjudha għal tagħmir ta' telekomunikazzjonijiet bil-laser.
5B001.b.1. Nota Teknika	WA	Subentrata u Nota Teknika mħassra dwar ċertu tagħmir li juża metodi digħi.	
5B001.b.3.	WA	Subentrata mħassra dwar ċertu tagħmir li juża swiċċjar ottiku.	
5D001.d.1.	WA	Subentrata mħassra dwar ċertu softwer għal tagħmir li juża metodi digħi.	

5D001.d.3.	WA	Subentrata mħassra dwar ċertu softwer għal tagħmir li juża swiċċjar ottiku.
5E001.c.1. & <i>Nota Teknika</i>	WA	Emenda tal-parametru fis-subentrata dwar ċerta teknoloġija għal tagħmir li juża metodi diġitali u emenda tan-Nota Teknika.
5E001.c.3.	WA	Emenda tas-subentrata dwar ċerta teknoloġija għal tagħmir li juża swiċċjar ottiku.
Kategorija 5 Parti 2		
Kategorija 5 Parti 2 <i>Nota 4</i>	WA	Nota ġdida ta' dekontroll għal ċertu tagħmir li juża l-kriptografija.
5A002.a. & <i>N.B.</i>	WA	Is-subentrata dwar ogħetti li jiżguraw is-sigurtà tal-informazzjoni u n-Nota Bene emendati.
5A002.a. Nota a. & <i>Nota Teknika</i>		Nota a. emendata u Nota Teknika ġdida miżjudha.
5A002.a. Note b.	WA	Nota b. imħassra li l-kontenut tagħha issa hu kopert min-Nota 4 ġdida.
5A002.a. Nota c.	WA	Nota c. imħassra li l-kontenut tagħha issa hu kopert min-Nota 4 ġdida.
5A002.a. Nota h.	WA	Nota h. imħassra li l-kontenut tagħha issa hu kopert min-Nota 4.

Kategorija 6		
6A001.a.1.a.	WA	Emenda tas-subentrata dwar sistemi ta' stħarriġ batimetriku.
6A001.a.1.a.2.	WA	Subparagrafu emendat.
6A001.a.1.d., d.1., & d.2.	WA	Emenda tas-subentrata u s-subparagrafi dwar ġerti sistemi akustiċi.
6A001.a.1.e., <i>N.B & Nota Teknika</i>	WA	Subentrata ġdida dwar sonars individwali attivi, inkluża n-Nota Bene u n-Nota Teknika.
6A002.c.2	WA	Emenda tas-subentrata dwar tagħmir għall-immaġini ta' viżjoni direttu.
6A003 <i>N.B.</i>	WA	Nota Bene emendata għal
6A003.b.2. <i>Nota:</i>	WA	Nota ġdida ta' dekontroll miżjudha mas-subentrata dwar kameras tal-iskennjar.

6A003.b.4.	Edizzjoni	Emenda editorjali fis-subentrata dwar kameras tal-immaġini
6A003.b.4. <i>Nota:</i>	Edizzjoni	Emenda editorjali fin-Nota dwar kameras tal-immaġini.
6A003.b.4.c., <i>Nota 4.c.</i>	WA	Subparagrafu ġdid miżjud man-Nota ta' dekontroll.
6A005.d.1. Noti Tekniċi 1., 2. & 3.	WA	Emenda tan-Nota Teknika mas-subentrata dwar lasers semikondutturi biex tinkleudi 2 Noti Tekniċi ġodda.
6A005.d.1.b.1.	WA	Emenda tal-parametru fis-subentrata dwar lasers semikondutturi individwali b'modalitā trasversali multipli.
6A005.d.1.c.	WA	Is-subentrata dwar arranġamenti individwali ta' lasers semikondutturi emenda għal żbarri u parametru emendat.
6A005.d.1.d., d.1., d.2., d.3., d.4. & <i>Nota Teknika</i>	WA	Riformulazzjoni dwar is-subentrata dwar saffi ta' arranġamenti semikondutturi u tinkleudi 4 subparagrafi ġodda u Nota Teknika.
6A005.d.1.e. & <i>Noti</i>	WA	Subentrata ġdida dwar saffi ta' arranġamenti semikondutturi li tinkleudi 2 subparagrafi ġodda u 3 Noti ġodda.
6A008 & <i>Nota</i>	WA	Emenda tan-Nota ta' dekontroll biex tinkleudi ċertu radar ta' approċċ ta' preċiżjoni.
6A008.e.	WA	Emenda tas-subentrata dwar radars li jinkorporaw antenni b'arranġament orjentabbi elettronikament.
6A008.f.	WA	Tħassir tan-nota mas-subentrata dwar radar li jista' jiddeterminna l-għoli ta' bersalli nonkoperattivi.
6A008.1.4.	WA	Emenda tas-subparagrafu dwar radar li għandu sottosistemi għall-ipproċċessar tad-dejta.
6C004.b.1., 2. & 3.	WA	Numri CAS miżjudha mas-subparametri għal materjal elettroottiku.
6C004.e.	WA	Numri CAS miżjudha mas-subentrata għal materjal tal-ħġieġ ottiku.
6D003.a.5.	WA	Subentrata ġdida dwar ċertu softwer għad-detezzjoni tal-għaddasa jew l-għawwiema.
6D003.h.1.	WA	Riformulazzjoni tas-subentrata dwar softwer għall-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru biex tinkleudi ż-2 subparagrafi.

Kategorija 7		
7A005, a., b., <i>Nota & Nota Teknika</i>	WA	Riformulazzjoni tal-entrata dwar sistemi globali ta' navigazzjoni bis-satellitta li tinkleudi Nota ġdida u Nota Teknika
7A101 <i>Nota</i>	MTCR	Emenda tan-Nota dwar aċċelleraturi linearji.

7B001 <i>Nota Teknika 2</i>	WA	Nota Teknika emendata
7D003.b.2.	WA	Emenda tas-subentrata dwar softwer għal dejta ta' referenza GNSS
7E004.b.6. <i>N.B</i>	WA	Nota Bene emendata.

Kategorija 8		
8A002.f.	WA	L-entrata ta' kontroll dwar sistemi ta' immaġini elettronika taħt l-ilma mħassra mill-Kategorija 8. Il-kontrolli issa jinsabu fil-Kategorija 6.
8A002.j.	Edizzjoni	Emenda editorjali biex tiddefinixxi Ċellula tal-fjuwil.

Kategorija 9		
9A001.a.	WA	Emenda tas-subentrata dwar turbini tal-gass aeronawtiċi biex tinkludi t-teknoloġija FADEC
9A003	WA	Emenda tal-entrata ta' kontroll dwar komponenti għal sistemi ta' propulsjoni tat-turbini tal-gass biex tinkludi t-teknoloġija FADEC
9A101	MTCR	Emenda tal-entrata ta' kontroll dwar magni turboreatturi u turbopropulsuri.
9B002	WA	Emenda tal-entrata ta' kontroll dwar ċerti sistemi tat-test għall-iżvilupp tal-magni bit-turbini tal-gass biex tinkludi t-teknoloġija FADEC
9D003	WA	Emenda tal-entrata ta' kontroll dwar softwer għal sistemi FADEC
9E003.a.9.	WA	Subentrata dwar it-teknoloġija FADEC imressqa għal 9E003.h.
9E003.h. & <i>Nota</i>	WA	Subentrata ġdida dwar it-teknoloġija FADEC li tinkludi Nota ġdida

Proposta tal-Kummissjoni

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq jinhieg li jiġi sostitwit l-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Li jemenda r-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' ogħġetti b'użu doppju

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 207,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara l-preżentazzjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

B'aġir skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' ogħġetti b'użu doppju³ jirrikjedi li ogħġetti b'użu doppju (inklużi softwer u teknoloġija) jkunu sugħġetti għal kontroll effettiv meta jiġu esportati mill-Unjoni jew ikunu fi transitu fiha, jew jitwasslu lejn pajjiż terz bħala riżultat tas-servizzi ta' senserija pprovduti minn sensar residenti jew stabbilit fl-Unjoni.
- (2) Sabiex l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jħarsu l-impenji internazzjonali tagħhom, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 jistabbilixxi l-lista komuni ta' ogħġetti b'użu doppju u teknoloġija msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, li jimplimenta l-kontrolli ta' ogħġetti b'użu doppju li dwarhom intlaħaq ftehim internazzjonali. Dawn l-impenji ttieħdu fil-kuntest tal-parċeċċipazzjoni fi ħdan il-Grupp Awstralja, ir-Reġim ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (MTCR), il-Grupp ta' Fornituri Nukleari (NSG), il-Ftehim ta' Wassenaar u l-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (CWC).
- (3) L-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 jistipula li l-Anness I għandu jiġi aġġornat b'konformità mal-obbligi u l-impenji rilevanti, u kull modifika tagħhom, li l-Istati Membri aċċettaw bħala membri tar-reġimi internazzjonali ta' nonproliferazzjoni u l-arranġamenti għall-kontroll tal-esportazzjoni, jew bir-ratifika tat-trattati internazzjonali rilevanti.

³

ĠU L 134, 29.05.2009, p. 1.

- (4) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 għandu jiġi emendat biex iqis it-tibdil li ntlaħaq ftehim dwaru fi ħdan il-Grupp Awstralja, il-Grupp ta' Fornituri Nukleari, ir-Reġim ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili u l-Ftehim ta' Wassenaar, wara l-adozzjoni ta' dak ir-Regolament.
- (5) Sabiex ikunu ffaċilitati r-referenzi għall-awtoritajiet u operaturi għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, għandha tīgħi ppubblikata verżjoni aġġornata u kkonsolidata tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.
- (6) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 428/2009 għandu jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 għandu jiġi sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fit-tletin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*